**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Revoka Nru. 647/2018**

**Illum 23 ta' Awwissu, 2018**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 747/18:**

**MPM Capital Investments Limited (C 46783)**

**vs**

**Alfred Anton Zarifa (KI 315087M) u Olena Viktorivna maghrufa bhala Elena Zarifa (KI 326907L)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghar-revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta[1], li permezz tieghu inghad:

[1] A Fol 1

*"Illi s-socjeta MPM Capital Investments Limited talbet w ottjeniet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju (Numru: 747/2018) kontra l-esponenti intimati ghall-ammont ta' tlett miljuni, erba' mija, disgha u ghoxrin elf, erba' mija disgha u sebghin Euro (€3,429,479), kopja ta' liema mandat ta' sekwestru tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument "A".*

*Illi dan il-mandat ta' sekwestru intalab fuq l-iskorta ta' kawzali li tghid li l-ammont jikkostitwixxi "valur ta' somon ta' flus avvanzati lis-sekwestrati, liema ammont ghandhom jithallsu lura mis-sekwestrati" u dan skond ma jirrizulta mill-anness Dokument A.*

*Illi l-esponenti intimati qatt ma ssellfu minghand is-socjeta MPM Capital Investments Limited.  Din ta' l-ahhar kienet giet inkarikata mill-esponenti sabiex taghmel gestjoni ta' fondi appartenenti lill-esponenti intimati u afdati lilha inkluz permezz ta' investimenti ta' dawn il-fondi.*

*Illi bhala parti mill-gestjoni tal-imsemmija fondi esegwita mis-socjeta MPM Capital Investments Limited, l-esponenti intimati kienu jircievu importi vari intizi sabiex bihom isiru hlasijiet dovuti mill-istess esponenti intimati u dan skond dak li gie kkuntrattat u maqbul bejn l-esponenti intimati u s-socjeta MPM Capital Investments Limited.*

*Illi s-socjeta MPM Capital Investments Limited qatt ma pprovdiet rendikont tal-gestjoni afdata lilha mill-esponenti intimati u baqghet teffetwa il-hlasijiet li kienu jintalbu mill-esponenti intimati.*

*Illi minghajr pre-avviz, minghajr ebda spjegazzjoni u minghajr ebda gustifikazzjoni oggettivament riskontrabbli, s-socjeta MPM Capital Investments Limited talbet il-hlas lura ta' somma ingenti li hija qeghda tallega li gew avvanzati lill-esponenti intimati flimkien mal-imghaxxijiet u dan fl-assenza ta' xi forma ta' ftehim jew kuntratt ta' mutwu bejn l-istess socjeta MPM Capital Investments Limited u l-esponenti intimati.*

*Illi di pju intalbet l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Sewkestru kawtelatorju minghajr ma qatt giet pprezentata u mibghuta ittra ufficjali interpellatorja jew ma gie indikat fil-kawzali ghab-bazi ta' liema ftehim gew avvanzati il-flejjes reklamati u taht liema termini u kundizzjonijiet, inkluz dawk dwar hlas, dwar imghaxxijiet u dwar terminu, sehh tali ftehim.*

*Illi jsegwi minn dan kollu li l-ammont indikat u mitlub fl-imsemmi sekwestru kawtelatorju bhala li jikkostitwixxi valur ta' somon ta' flus avvanzati liema somon ghandhom jithallsu lura ma huwiex prima facie gustifikat.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha ghat-tenur ta' dak provdut f'sub-paragrafu (d) ta' subartikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru: 747/2018 fl-ismijiet: "MPM Capital Investments Limited versus Alfred Anton Zarifa et" pprezentat u mahrug fid-9 ta' Mejju, 2018 u dan taht il-kundizzjonijiet li l-istess Onorabbli Qorti tqis xierqa*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta ghal tali talba[2] li giet prezentata fil-11 ta' Lulju 2018 li permezz taghha inghad:

1. *"Illi fl-umli fehma ta' l-esponenti t-talba kontenuta fir-rikors de quo ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konjugi Zarifa;*
2. *Illi minn qari ta' l-istess rikors, jirrizulta li l-konjugi Zarifa qed jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi fuq il-fehma taghhom l-istess mandat ma huwiex prima facie gustifikat;*
3. *Illi bir-rispett din il-pozizzjoni tar-rikorrenti Zarifa mhux biss hija fattwalment u guridikament skoretta izda ukoll legalment insostenibbli;*
4. *Illi l-esponenti kuntrarjament ghal dak li jsostnu r-rikorrenti ma qabditx u pprezentat mandat ta' sekwestru ta' din ix-xorta b'xi mod legger. Jekk wiehed jara l-atti ta' dan il-mandat wiehed malajr jinduna li flimkien mal-mandat ta' sekwestru, l-esponenti ezibiet rendikont u prospett dettaljat tal-pretensjoni taghha;*
5. *Illi inoltre ma huwiex minnu li r-rikorrenti Zarifa ma kellhomx hjiel qabel ta' dak attwalment dovut lill-esponenti;*
6. *Illi imporanti li jigu ssenjalati s-segwenti fatti:*
    a. *Illi s-socjeta esponenti hija detentur ta' licenzja numru IS/46783 mahruga mill-Malta Financial Services Authority fit-*

[2] A Fol 9

*12 ta' Gunju 2009 sabiex tipprovdi servizzi ta' investiment lil terzi;*

b. *Illi l-konjugi Zarifa huma klijenti tas-socjeta esponenti u ilhom klijenti mis-sena 2010, fejn huma iddepozitaw flejjes li gew investiti f'bonds u fondi internazzjonali;*

c. *Illi l-istess rikorrenti gibdu flejjes mill-kont taghhom mas-socjeta esponenti permezz ta' cekkijiet, standing orders, wire transfers u pagamenti lil terzi li saru mis-socjeta rikorrenti f'isimhom u fuq ordnijiet taghhom;*

d. *Illi is-socjeta esponenti kienet tiltaqa' u zzomm kuntatt regolarment mar-rikorrenti u kienet tagixxi fuq struzzjonijiet taghhom;*

e. *.Illi r-rikorrenti fil-fatt hadu aktar flus minn kemm kellhom investimenti. Dan huwa konfermati mit-trading history. Mill-istess dokument jirrizulta ukoll li kuntrarju ghal dak li jsostnu r-rikorrenti Zarifa huma qalghu mill-investimenti li ghamlu mas-socjeta esponenti.;*

f. *Illi fil-fatt kif jirrizulta mid-dokumenti l-konjugi Zarifa ghamlu depoziti ghal total ta' € 2,663,802 li renda lilhom Introjtu minn investimenti bhala Imghax ta' € 254,527 u Introjtu qliegh fuq il-kapital € 468,612 (maqsum fuq 41 transazjoni). Huma pero' ghamlu withdrawals ghal total ta' € 5,317,320.*

g. *. Illi is-socjeta esponenti talbet diversi drabi lir-rikorrenti sabiex iroddu lura l-bilanc dovut minnhom, bir-risposta tkun li ghandhom proprjetajiet li qed jinbieghu u sahansitra jinsabu fuq konvenju, u cioe li l-bejgh ta' tali proprjetajiet, kien se jwassal sabiex jibda jinqata' l-bilanc dovut;*

h. *Illi it-termini u kundizzjonijiet standard tas-socjeta esponenti huwa indikat b'mod car li jiddekorru interessi legali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanci dovuti minn klijenti, liema termini u kundizzjonijiet kienu accettati mir-rikorrenti bil-miktub;*

i. *Illi s-socjeta esponenti interpellat lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-bilanc dovut pero' huma baqghu inadempjenti;*

j. *Illi nhar id-9 ta' Mejju 2018, is-socjeta esponenti ipprezentat l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo kontra l-intimati Zarifa - Mandat Nru. 747/18 fis-somma ta' zewg miljuni sebgha mija u sebghin elf u erbgha mija u tmenin Ewro;*

k. *Illi nhar 24 ta' Mejju 2018 is-socjeta esponenti ipprezentat kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili – Rik Gur 516/2018 MH fil-konfront tal-konjugi Zarifa;*

l. *Illi sal-lum hadd mis-sekwestratarji ma ddepozita xi flejjes tar-rikorrenti Zarifa in segwitu ghal mandat ta' sekwestru 747/18;*

m. *Illi minkejja li saret laqgha bonarja bejn il-partijiet fejn Zarifa kellhom jigu lura sabiex jghidu fejn ma kienux qed jaqblu mad-dokumentazzjoni pprezentata mis-socjeta esponenti, dawn qatt ma kkomunikaw mal-esponenti;*

n. *Illi pero' nhar l-14 ta' Gunju 2018 r-rikorrent Zarifa mar l-ufficju tas-socjeta esponenti u talab li jiltaqgha mad-diretturi Alex u Melvyn Mangion li dak il-hin ma kienux hemm. Huwa inghata appuntament ghat-Tnejn ta' wara;*

o. *Illi susseggwentament wara li telaq mill-ufficju tas-socjeta esponenti, r-rikorrent Zarifa f'att ta' intimidazzjoni u theddid, mar bil-vettura tieghu fid-drive in tar-residenza ta' Alex Mangion u wara li l-mara ta' Alex Mangion u t-tfal minuri*

*taghhom qalulu biex iressaq il-vettura huwa qalilhom li ma kienx ser inehhi l-vettura tieghu qabel ma s-socjeta esponenti jirrevoka l-mandat li kien inhareg kontrih. Fil-fatt kien biss l-intervent tal-Pulizija ezekuttiva li dam ghal madwar siegha li finalment Anton Zarifa telaq minn fuq il-post ;*

p. *Illi minn ricerki li ghamlet is-socjeta esponenti jirrizulta li Zarifa ghandhom debiti kemm ma banek kif ukoll ma terzi;*

7. *Illi a skans ta' ripettizzjoni, l-esponenti qed tipprezenta kopja tal-kawza Rik Gur 516/2018 MH pprezentata minnha fil-konfront ta' Zarifa u kopja tar-rikors pprezentat minnha ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1017/18 fl-ismijiet: Alfred Anton Zarifa K.I.315087(M) u Olena Viktorivna maghrufa bhala Elena Zarifa K.I. 326807(L) Vs MPM Capital Investments Ltd. (C46783), Alexander Mangion [565482(M)] u Melvyn Mangion [300580(M)] – Rik Nru.689/2018 MH li maghhom gew ezebiti diversi dokumenti in sostenn ta' dak li qed tirrileva s-socjeta esponenti;*

8. *Illi oltre ghad-dokumenti hawn ezebiti s-socjeta esponenti ser tipprezenta – skambju ta' messaggi tat-tip sms skambjati bejn il-partijiet fejn jirrizulta li r-rikorrenti Zarifa ilhom jafu bid-debitu taghhom kif ukoll serje ta' messaggi skambjati fejn ir-rikorrenti Zarifa talab lid-diretturi tas-socjeta esponenti javvanzawlu l-flejjes li issa qed jintalab li jrodd lura – Dok FG1 u Dok FG2;*

9. *Illi jirrizulta ukoll li bhala klijenti tas-socjeta esponenti, ir-rikorrenti Zarifa kellhom il-facilita' ta' username u password li bih setghu jaccedu ghall-account taghhom u ta' kuljum isegwu t-transazzjonijiet fuq il-kont taghhom u l-bilanci ta' bejn il-partijiet [ Dok FG3] mill-kumdita ta' darhom. Dan barra l-laqghat regolari li kienu jsiru bejn s-socjeta esponenti u r-rikorrenti Zarifa fejn kienu jinghataw l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha necessarja [ Dok FG4];*

10. *Illi s-socjeta esponenti giet kostretta tirrikorri ghal prezentata tal-mandat ta' sekwestru de quo u l-kawza in sostenn ta' l-istess, ghaliex wara diversi wieghdi da parti tar-rikorrenti Zarifa li kienu ser ihallsu id-debitu taghhom mill-bejgh ta' proprjeta li kellhom [ Vide ukoll Dok FG5 – fejn addiritura r-rikorrenti Zarifa ippruvaw jiehdu self biex ihallsu dak dovut minnhom izda dan is-self ma inghatax] , ippruvaw izommu oskur l-fatt li kien ser jigi ppubblikat kuntratt ta' bejgh u bdew jirriftjutaw li s-socjeta esponenti tithallas minn tali bejgh. Kien ghalhekk li fil-lista tas-sekwestratarji hemm indikat Nutar li kien in-Nutar li ha jippublika l-att ta' bejgh in kwistjoni;*

11. *Illi ta' min jirrileva li minkejja l-mandat de quo, dan l-istess mandat ma ta l-ebda ezitu favorevoli ghall-esponenti ghax hadd mis-sekwestratarji ma ddepozita flejjes tal-konjugi Zarifa u ghalhekk wiehed ma ghandux bzonn wisq imaginazzjoni fuq il-qaghda finanzjarja tal-konjugi Zarifa;*

12. *Illi bil-wicc tost kollhu wara li r-rikorrenti Zarifa gew milquta minn dan il-mandat u kienu konsapevoli li gietipprezentata l-kawza fil-mertu, ipprezentaw mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti u d-diretturi taghha Alex u Melvyn Mangion personalment – Mandat numru 1017/18 – f'attentat iehor ta' intimidazzjoni u arm twisting. Dan il-mandat huwa l-mertu tar-rikors 689/2018 MH ezebit hawn qabel;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob li t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konjugi Zarifa."*

Rat li nonostante l-Qorti awtorizzat lill-partijiet jippreżentaw anke nota ta' sottomissjonijiet baqgħu inadempjenti f'dan[3].

Illi ai termini ta' l-artikolu sureferit jeħtieġ li jiġi pruvat li s-sekwestru kawtelatorju attakat huwa wieħed li għandu a bażi tiegħu ammont mitlub li *prima facie* m'għadux ġustifikat jew li hu eċċessiv

Illi *prima facie*, u għandu jiġi preċiżat li l-eżami li tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa limitat sa hemm, mid-dokumenti esebiti mar-risposta jidher li r-rikorrenti Zarifa kellhom bilanċ konsiderevoli xi jroddu lura lis-soċjeta eżekutanti.

[3] A Fol 6

Illi għalkemm dan il-kreditu mhux kwantifikat jew addirittura wieħed stabbilit u determinat jidher li hemm bażi *prima facie* li jiġi ġustifikat.

Din il-Qorti ma ingħatatilha ebda raġuni oħra għala għandha tirrevoka is-sekwestru kawtelatorju – konsegwentament tiċħad it-talba.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**